

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 20

## RUŻARJU TAL-KMANDANT TAL-SS NAŻISTA

Wieħed mill-Kmandanti tal-SS Nażista kien Peter Koch. Matul il-gwerra kien magħruf bħala 't-Terrur ta' Ruma' minħabba l-ħruxija tiegħu.

Meta spiċċat il-gwerra, kien arrestat, mibgħut il-ħabs u kkundannat għall-mewt bħala kriminal tal-gwerra.

Fil-ħabs, il-kmandant Peter Koch nidem mid-delitti li għamel u kiteb ittra lill-Papa Piju XII, fejn talbu maħfra talli fil-gwerra attakka l-Bażilika ta' San Paolo fuor la Mura.

Il-Papa Piju XII, malli qara l-ittra qal lil Mons. Nasalli Rocca: 'Haffef, mur żur lil Koch u għidlu li jien naħfirlu b'qalbi kollha. U , bħala sinjal u prova tal-barka tiegħi, agħtih din il-kuruna tiegħi tar-Rużarju.

Mons Nasalli Rocca daħal fiċ-ċella ta' Koch. Kellmu u assigurah mill-maħfra u mill-barka tal-Papa.

Peter Koch, ikkundannat għall-mewt, infaqa' jibki u qal dawn il-preċiżi kelmiet:'Pajjiżi jisħetni.. u għandu raġun; it-tribunal jikkundannani għall-mewt.. u għandu raġun; iżda l-Papa jaħfirli. Kemm kien jaqbel kieku auki jien ħfirt f'ħajti"'

Mons Rocca fl-aħħarnett ippreżenta lil Koch il-kuruna tal-Papa. Peter Koch, magħruf għall-krudeltà tiegħu jerġa' jinfaqa' jibki:'Padre, m'inhix denn li mmiss il-kuruna tar-Rużarju tal-Papa b'dawn l-idejn imċappsin b'tant demm u b'tant delitti. Nitolbok, dendilhieli int ma' għonqi.'

Wasal il-mument tal-kundanna tal-mewt. Peter Koch ġie xkubettjat jitlob maħfra lill-Madonna.

Mir-rivista : Jesus Rosarii – Ezempi cathechistici ta' P. Reginaldo Jannarone

## Il-Venerabbli Isqof Fulton Sheen



Ir-Rużarju huwa l-ktieb ta' min ma jarax , fejn ir-ruħ tara jseħħ, l-akbar dramm tal- imħabba li qatt seħħ fid-dinja.

Ir-Rużarju huwa l-ktieb ta' min hu sempliċi u jdaħħalhom f'misteri u f'għerf li jissodisfaw aktar mill-edukazzjoni tal-bnedmin.

Ir-Rużarju huwa l-ktieb tal-anzjani, li għajnejhom jingħalqu fuq id-dell ta' din id-dinja u jinfetħu fuq is-sustanza ta' dak li għad irid jiġi. Il-qawwa tar-Rużarju ma titfissirx.